**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 43

L-Erbgħa, 18 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### KM MALTA AIRLINES – BILANĊ BEJN PILOTI ĠODDA U PILOTI B'ESPERJENZA

**364. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-politika ta' KM Malta Airlines fir-rigward tal-bilanċ bejn piloti ġodda u piloti b'esperjenza fuq ir-rosters operattivi?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 43
18/11/2026

### KM MALTA AIRLINES – LIVELLI TA' ESPERJENZA

**365. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk fil-kumpanija KM Malta Airlines hemmx livelli minimi ta' esperjenza li l-kumpanija timmira li żżomm?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 43
18/11/2026

### KM MALTA AIRLINES – RATA TA' TURNOVER

**366. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet ir-rata ta' turnover fost il-piloti, cabin crew u impjegati tekniċi ta' KM Malta Airlines, matul l-aħħar sentejn, u kif din ir-rata tqabbel mal-medja tal-industrija Ewropea?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 43
18/11/2026

### KM MALTA AIRLINES – PROFITT/TELF GĦAL KULL TITJIRA

**367. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-profitt jew it-telf medju għal kull titjira operata minn KM Malta Airlines, matul l-aħħar sena finanzjarja?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**KM MALTA AIRLINES – PROFITT/TELF GĦAL KULL TITJIRA – ROTOT PRINĊIPALI**

**368. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar x'inhu l-profitt jew it-telf medju għal kull titjira operata minn KM Malta Airlines, matul l-aħħar sena finanzjarja, maqsuma skont ir-rotot prinċipali operati mill-kumpanija?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**KM MALTA AIRLINES – BUSINESS PLAN**

**369. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-partijiet tal-business plan ta' KM Malta Airlines li ġew approvati mill-Kummissjoni Ewropea u li jirrigwardaw il-profittabbiltà, l-investiment privat u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-kumpanija?

25/06/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ESP - SERVIZZI OĦRA TA' APPOĠĠ JEW KURA SPEĊJALIZZATA**

**2285. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm minn dawk il-persuni li għamlu użu mill-Employee Support Programme (ESP) ġew riferuti għal servizzi oħra ta' appoġġ jew kura speċjalizzata mis-sena 2023 sal-aktar data riċenti disponibbli fil-ħin li fih titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

28/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li meta jinħass il-bżonn, l-ESP tirrakkomanda lill-impjegat għal servizzi oħra speċjalizzati.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ESP - SAĦĦA MENTALI - KAMPANJI EDUKATTIVI**

**2286. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'tip ta' kampanji edukattivi, ta' informazzjoni u ta' għarfien dwar is-saħħa mentali u l-Employee Support Programme (ESP) saru mis-sena 2023 sal-aktar data riċenti disponibbli fil-ħin li fih qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari u jagħti d-dettalji ta' kull waħda minnhom?

28/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li s-suġġetti trattati waqt is-sessjonijiet ta' għarfien jinkludu: introduzzjoni għas-servizz tal-ESP, l-importanza li nieħdu ħsieb tagħna nfusna u r-reżiljenza, l-istress u l-għarfien dwar is-saħħa mentali, il-benesseri għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa u ħaddiema involuti fir-rispons għall-emerġenza, il-benesseri għall-forzi dixxiplinati, kif ukoll għarfien dwar kif wieħed jista' jipprepara ruħu emozzjonalment għall-irtirar.

L-ESP iffaċilita wkoll sessjonijiet ta' taħriġ għall-impjegati pubbliċi b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra bħall-Fondazzjoni Richmond (Mental Health First Aid), Aġenzija Sapport (Għarfien dwar in-Newrodiversità) u Aġenzija Sedqa (Għarfien dwar kif tista' tgħin lill-impjegati li jkollhom diffikultajiet marbuta mal-abbuż tas-sustanzi; Ir-Realtà tal-Użu tal-Kannabis; Kif Nużaw it-Teknoloġija b'Mod Responsabbli).

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TERAPIJI RELATATI MA' TRAWMA MINN VJOLENZA DOMESTIKA**

**2413. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il tifel u tifla qed jistennew terapija relatata ma' trawma minn vjolenza domestika? Jista' jgħid ukoll x'passi qed jieħu l-Gvern biex jiżgura li dawn it-tfal jingħataw intervent kmieni?

03/08/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**VETTURI BI PJANĊI BARRANIN – ĊITAZZJONIJIET**

**2414. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw ċitazzjonijiet lil vetturi bi pjanċi barranin mill-uffiċjali tal-infurzar tal-LESA, Transport Malta u l-Pulizija mill-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/08/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninsab infurmat li skont is-sistema elettronika LES, in-numru ta' ċitazzjonijiet li ngħataw lil vetturi bi pjanċi barranin mill-uffiċjali tal-infurzar tal-LESA u l-Pulizija mis-sena 2025 sa l-aħħar ta' Ottubru 2026 kien kif jidher fit-tabella. Għall-kumplament tal-mistoqsija nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-Mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

| Entità | 2025 | 2026* | Total |
|---|---|---|---|
| LESA | 1270 | 970 | 2240 |
| Pulizija | 91 | 68 | 159 |

*Sa Ottubru 2026

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TERAPIJA TAT-TFAL – RISKJI TA' SAFEGUARDING**

**2415. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra tibdil fil-liġi biex, meta jkun hemm riskji ta' safeguarding identifikati mill-professjonisti, it-terapija tat-tfal tkun tista' tibda anke jekk ma jkunx ingħata l-kunsens miż-żewġ ġenituri?

04/08/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TERAPIJA TAT-TFAL – NUQQAS TA' KUNSENS MILL-ĠENITURI**

**2416. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' terapija għal tfal f'sitwazzjoni ta' vjolenza domestika li ma tkomplewx minħabba nuqqas ta' kunsens minn wieħed mill-ġenituri f'dawn l-aħħar tliet snin?

04/08/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**POST-SEPARATION ABUSE U VIOLENCE BY PROXY**

**2417. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern huwiex jirrikonoxxi formalment il-kunċett ta' post-separation abuse u violence by proxy fil-politika u l-proċeduri tiegħu?

04/08/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħti aktar dettalji dwar dak li qed jirreferi.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**POST-SEPARATION ABUSE U VIOLENCE BY PROXY**

**2418. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjan biex post-separation abuse u violence by proxy jiġu inklużi fil-leġiżlazzjoni Maltija?

04/08/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li atti vjolenti diġà huma penalizzati tramite l-liġijiet ta' pajjiżna.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**SERVIZZ TAS-SAĦĦA PUBBLIKA – KURA TAL-ISTOMA**

**2441. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti li bħalissa huma intitolati jew qed jirċievu prodotti għall-kura tal-istoma permezz tas-servizz tas-saħħa pubblika? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont jekk il-pazjent għandux colostomy, ileostomy jew urostomy, skont is-sess, u bejn Malta u Għawdex?

14/08/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**SERVIZZ TAS-SAĦĦA PUBBLIKA – KURA TAL-ISTOMA**

**2442. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti rendikont tal-pazjenti li bħalissa huma intitolati jew qed jirċievu prodotti għall-kura tal-istoma permezz tas-servizz tas-saħħa pubblika skont il-faxex tal-età?

14/08/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**SERVIZZ TAS-SAĦĦA PUBBLIKA – TIPI TA' BOROŻ GĦALL-ISTOMA**

**2443. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jelenka t-tipi kollha ta' boroż għall-istoma li bħalissa qed jingħataw permezz tas-servizz tas-saħħa pubblika u, għal kull prodott, jagħti l-kodiċi tal-prodott, id-deskrizzjoni, il-marka u l-manifattur? Jista' jagħti tagħrif dwar it-tip, il-karatteristiċi u l-ispeċifikazzjonijiet ta' kull prodott, inklużi l-varjanti u d-daqsijiet disponibbli? Jista' jagħti n-numru ta' pazjenti li bħalissa qed jingħataw kull prodott?

14/08/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**SERVIZZ TAS-SAĦĦA PUBBLIKA – TQASSIM TA' BOROŻ GĦALL-ISTOMA**

**2444. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il unità minn kull tip ta' borża għall-istoma li bħalissa qed jingħataw permezz tas-servizz tas-saħħa pubblika tqassmet matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena?

14/08/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**POYC – TQASSIM TAL-MEDIĊINI**

**2994. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk huwiex minnu li l-wegħda dwar it-tqassim tal-mediċini tal-POYC saret fil-manifest elettorali tal-2013?

29/09/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-wegħda dwar it-tqassim tal-mediċini ilha implimentata, kif spjegat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2993.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**POYC – TQASSIM TAL-MEDIĊINI – LOKALITAJIET**

**2995. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema lokalitajiet l-iskema tat-tqassim tal-mediċini tal-POYC qiegħda titħaddem, u kif taħdem eżatt?

29/09/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li l-iskema Pharmacy of Your Choice (POYC) titħaddem permezz tal-ispiżeriji tal-komunità parteċipanti kollha f'Malta u Għawdex u ċjoè 234 spiżerija. Il-pazjenti intitolati għal mediċini b'xejn jirreġistraw ma' spiżerija tal-għażla tagħhom, minn fejn jiġbru l-mediċini tagħhom, filwaqt li l-POYC tqassam il-mediċini lil dawn l-ispiżeriji.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**POYC – TQASSIM TAL-MEDIĊINI**

**2996. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk huwiex minnu li t-tqassim tal-mediċini tal-POYC jiddependi biss mid-diskrezzjoni assoluta tal-ispiżjar?

29/09/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għandha informazzjoni ħażina. Il-mediċini tal-POYC ma jitqassmux skont id-diskrezzjoni tal-ispiżjar, iżda skont il-liġi: jingħataw lil min huwa intitolat għalihom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), fuq preskrizzjoni medika, kif spjegat ukoll fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2995.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**POYC – TQASSIM TAL-MEDIĊINI – INFORMAZZJONI**

**2997. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema sit elettroniku persuna tista' ssib informazzjoni dettaljata dwar is-servizz tat-tqassim tal-mediċini tal-POYC?

29/09/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit elettroniku tal-POYC huwa poyc.gov.mt.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**KUNSILLI LOKALI – ĠBIR TA' SKART – ILMENTI**

**2998. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-ilmenti dwar il-ġbir tal-iskart li jsiru lill-kunsilli lokali jintbagħtux lill-kunsilli reġjonali biex jagħmlu kuntatt mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart?

30/09/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsilli Lokali li hemm Kunsilli Lokali li jieħdu ħsieb l-ilmenti huma, oħrajn jieħdu ħsieb l-ilment u jżommu lir-Reġjun infurmat u oħrajn jgħaddu l-ilmenti direttament lir-Reġjun.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**KUNSILLI LOKALI – ĠBIR TA' SKART – ILMENTI**

**2999. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk is-sistema tal-ilmenti dwar il-ġbir tal-iskart naqqsitx is-saħħa lill-kunsilli lokali biex jagħmlu kuntatt dirett mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart?

30/09/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti tal-Kunsilli Reġjonali ma jneħħux id-dritt li l-Kunsilli Lokali jkollhom kuntatt dirett mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart sabiex jirrappurtaw xi ilment dwar ġbir tal-iskart fil-lokalità tagħhom. Dan huwa konfermat ukoll mit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2998.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ARMS – PROMOZZJONIJIET**

**3016. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ingħataw promozzjonijiet fl-ARMS, minn Jannar 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? Tista' tgħid ukoll, f'kull każ, minn liema grad għal liema grad ingħataw il-promozzjonijiet, u meta nħarġet is-sejħa għalihom?

30/09/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ENEMED - PA/07103/25 - IRTIRAR TAL-APPLIKAZZJONI**

**3017. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li għaliha l-Enemed irtirat l-applikazzjoni PA/07103/25, u x'inhi l-alternattiva ppjanata għat-tkabbir li kien maħsub f'dik l-applikazzjoni?

30/09/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-applikazzjoni ġiet irtirata biex ikunu protetti s-siġar taż-żebbuġ li hemm fiż-żona u allura jsir tentattiv biex jinstab post alternattiv.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ – ĠNIEN IT-TBISSIM**

**3095. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta ser jiġi inawgurat Ġnien it-Tbissim f'Baħar iċ-Ċagħaq?

02/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ġnien it-Tbissim f'Baħar iċ-Ċagħaq kien inawgurat fil-5 t'Ottubru, aktar minn xahar ilu.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**INFRASTRUTTURA TAL-ELETTRIKU – DISTRIBUTION CENTRES, SUBSTATIONS ĠODDA U TQEGĦID TA' CABLES**

**3096. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12119 tal-14-il Leġiżlatura, tista' l-Ministru tgħid kemm saru distribution centres u substations ġodda, u kemm tqiegħdu cables tat-33kV, tal-11kV, u tal-low-voltage, matul is-snin 2023, 2024, 2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont is-sena? Tista' wkoll tipprovdi tabella li turi l-istess tagħrif dwar il-kilometri ta' cables u substations kummissjonati matul l-istess perjodu, maqsuma sena b'sena u lokalità b'lokalità?

02/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar erba' snin l-Enemalta kompliet twettaq programm estensiv ta' investiment u tisħiħ fin-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku.
Fir-rigward ta' substations ġodda, fl-2023 ġew kummissjonati 41 substation ġdida, fl-2024 ġew kummissjonati 58, fl-2025 ġew kummissjonati 56, filwaqt li fl-2026 ġew kummissjonati 57. B'hekk, matul il-perjodu 2023-2026 ġew kummissjonati total ta' 212-il substation ġdida.
Matul l-istess perjodu saru kemm xogħlijiet ta' tisħiħ permezz ta' low-voltage feeders ġodda, kif ukoll feeders ġodda marbuta mal-kummissjonar ta' substations ġodda.
Fl-2023 ġew kummissjonati 86 low-voltage feeder bħala parti mix-xogħlijiet ta' tisħiħ tan-network, flimkien ma' 57 feeder minn substations ġodda, għal total ta' 143 feeder. Fl-2024 ġew kummissjonati 166 feeder bħala parti mix-xogħlijiet ta' tisħiħ u 157 feeder minn substations ġodda, għal total ta' 323 feeder. Fl-2025 ġew kummissjonati 153 feeder bħala parti mix-xogħlijiet ta' tisħiħ u 110 minn substations ġodda, għal total ta' 263 feeder. Fl-2026 ġew kummissjonati 127 feeder bħala parti mix-xogħlijiet ta' tisħiħ u 121 minn substations ġodda, għal total ta' 248 feeder. B'hekk, bejn l-2023 u l-2026 ġew kummissjonati 977 low-voltage feeder ġdid.
Fir-rigward tal-infrastruttura tal-cables, sar investiment estensiv fin-network ta' vultaġġ medju, b'madwar 275 kilometru ta' cables ta' medium voltage bħala parti mill-programm ta' investiment fin-network tad-distribuzzjoni.
Matul din is-sena infetħu tliet Ċentri ta' Distribuzzjoni ġodda fin-Naxxar, is-Siġġiewi u l-Imsida. Dak tas-Siġġiewi kien jinkludi tqegħid ta' madwar 39 kilometru ta' cables ta' 33kV u 32 kilometru ta' cables ta' 11kV. Filwaqt li l-konnessjoni taċ-ċentru l-ġdid fin-Naxxar man-network saret miċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni tal-Mosta u kienet tinkludi madwar 15-il kilometru ta' cables ġodda ta' 33kV.
Il-pjan ta' disa' snin li għandha l-Enemalta għat-tisħiħ u l-modernizzazzjoni tan-network tal-elettriku, fost oħrajn jipprevedi investiment fi 12-il Ċentru ta' Distribuzzjoni ieħor ġdid li se jsiru fis-snin li ġejjin.
Matul l-aħħar erba' snin saru wkoll upgrades f'Ċentri ta' Distribuzzjoni eżistenti, fosthom fil-Freeport, Buġibba, St. Andrew's u Kirkop, b'interventi fuq transformers, switchgear u infrastruttura ta' 33kV u 11kV.
Dan il-programm ta' investiment u tisħiħ tan-network se jissokta fis-snin li ġejjin, b'numru ta' proġetti infrastrutturali li diġà jinsabu fi stadji differenti ta' pjanar u kummissjonar. Dawn jinkludu investiment sostanzjali fl-infrastruttura tal-elettriku f'Għawdex. L-Enemalta nediet il-proċess ta' xiri għal żewġ cables ġodda ta' 33kV taħt il-baħar bejn Malta u Għawdex, b'kull cable ippjanat li jkun twil madwar tmien kilometri. Dawn il-links ġodda huma maħsuba biex ikomplu jżidu l-kapaċità u r-redundancy fil-provvista tal-elettriku lejn Għawdex.
B'mod parallel, inħarġu wkoll żewġ sejħiet għall-offerti b'valur stmat kumplessiv ta' kważi €11-il miljun għat-tisħiħ tan-network intern ta' 33kV f'Għawdex. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu l-provvista u t-tqegħid ta' cables ġodda ta' 33kV li ser jgħaqqdu l-infrastruttura l-ġdida ta' 132kV maċ-Ċentri ta' Distribuzzjoni tax-Xewkija u l-Qala, kif ukoll maċ-Ċentru ta' Distribuzzjoni l-ġdid fiż-żona tar-Rabat/Kerċem. Ix-xogħlijiet huma pjanati fuq tliet fażijiet li jkopru Għajnsielem, ix-Xewkija u ż-żona bejn ix-Xewkija u r-Rabat.
Qed ikompli wkoll ix-xogħol preparatorju fuq konnessjoni ġdida ta' 132kV bejn Malta u Għawdex. Dan il-proġett jinkludi l-istudji u l-marine surveys meħtieġa għar-rotta u l-landing points, l-infrastruttura relatata, il-cables ta' 132kV fuq l-art f'Malta u Għawdex, kif ukoll id-disinn, l-installazzjoni u l-kummissjonar tal-konnessjoni ta' 132kV taħt il-baħar.
Il-programm ippjanat f'Għawdex jinkludi wkoll żewġ Ċentri ta' Distribuzzjoni ġodda u aktar tisħiħ tal-konnettività interna tan-network ta' 33kV f'Għawdex.
Dawn l-investimenti jkomplu jibnu fuq ix-xogħol li diġà twettaq mill-2023 'l hawn u jiffurmaw parti mill-programm kontinwu tal-Enemalta sabiex tkompli żżid il-kapaċità, ir-redundancy u r-reżiljenza tan-network tal-elettriku.
Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-ammonti ta' substations u feeders ġodda li ġew kummissjonati bejn l-2023 u l-2026, maqsumin sena b'sena u lokalità b'lokalità.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**CFT: FRAMEWORK AGREEMENT TO SUPPLY, INSTALL, COMMISSION AND MAINTAIN PRE-FABRICATED, AUTOMATIC, SELF-CLEANING PUBLIC CONVENIENCES IN TOURISTIC AREAS - MINISTRY FOR TOURISM (CT2030/2022)**

**3196. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1827, jista' l-Ministru jgħid kif u għaliex tender li ħareġ taħt il-Ministeru għat-Turiżmu biex jaqdi żoni turistiċi m'għadux jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu? Jista' jgħid ukoll liema Ministeru issa hu responsabbli?

06/10/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tender ħareġ minn Dipartiment li llum m'għadux jagħmel parti mid-dekasteru tal-Ministeru tat-Turiżmu. Għaldaqstant nirreferih biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**L.S. 379.08 - NOTIFIKI TA' KONĊENTRAZZJONI**

**3197. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru notifiki ta' konċentrazzjoni a tenur tal-L.S. 379.08 - Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet mill-bidu tal-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u f'kull każ jgħid:
i. meta saret in-notifika;
ii. x'inhu l-istatus attwali ta' kull notifika li saret;
iii. fir-rigward ta' liema settur saret in-notifika; u
iv. min kienu l-entitajiet konċernati?

06/10/2026

**ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni tinstab diġà disponibbli għall-konsum pubbliku fuq is-sit uffiċjali tal-Awtorità MCCAA permezz tal-link:

https://mccaa.org.mt/concentrations/

Seduta Numru 43
18/11/2026

**CHARGING POINTS PUBBLIĊI LI MA JAĦDMUX**

**3408. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1896 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u tgħid kemm hemm charging points pubbliċi li ma jaħdmux u kemm ilhom barra mis-servizz?

13/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li minn total ta' 578 charging point pubbliku hemm sebgħa li mhux jiffunzjonaw minħabba li għadhom ma waslux il-parts elettroniċi minn barra.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**CHARGING POINTS ĠODDA – INSTALLAZZJONI**

**3409. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1897 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u tgħid kemm hi l-medja ta' stennija biex jiġu installati charging points pubbliċi ġodda wara li jkunu ġew approvati?

13/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li, minn meta jinħareġ il-permess għax-xogħlijiet fit-triq, ix-xogħlijiet meħtieġa biex jiġi installat punt tal-iċċarġjar pubbliku għall-vetturi elettriċi (EV) normalment jieħdu madwar 18-il ġimgħa. Dawn iż-żminijiet jistgħu jvarjaw skont ċirkostanzi li jistgħu jaffettwaw il-progress tax-xogħlijiet.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**EU EMISSIONS TRADING SYSTEM – STUDJU DWAR L-IMPATT EKONOMIKU**

**3410. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1898 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u jgħid jekk sarx studju mill-Gvern dwar l-impatt ekonomiku tal-EU Emissions Trading System (EU ETS) fuq Malta bħala Stat ġżira? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra?

13/10/2026

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proposta għar-reviżjoni tal-EU ETS għadha qed tiġi diskussa fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. F'dawn id-diskussjonijiet, Malta saħqet fuq il-ħtieġa li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna bħala Stat ġżira, b'mod partikolari d-dipendenza tiegħu fuq il-konnettività marittima u bl-ajru. Sabiex ma tiġix ippreġudikata l-pożizzjoni ta' Malta f'dawn id-diskussjonijiet, f'dan l-istadju l-Gvern mhux f'pożizzjoni li jagħti l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**EU EMISSIONS TRADING SYSTEM**

**3411. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1899 u jgħid jekk il-Gvern ippreżentax dokumenti jew data lill-Kummissjoni Ewropea biex juri l-impatt sproporzjonat tal-EU Emissions Trading System (EU ETS) fuq Malta?

13/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-Mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**SPEZZJONIJIET PORT STATE CONTROL**

**3559. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1903 u jgħid kemm-il spezzjoni Port State Control (PSC) saret f'Malta mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena, u x'kienet ir-rata ta' detenzjoni?

14/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi, matul il-perjodu mill-2022 sal-lum, twettqu total ta' 883 spezzjoni f'Malta fil-qafas tal-Port State Control, li rriżultaw f'rata medja ta' detenzjoni ta' 3.85%.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**IS-SETTUR MARITTIMU – INVESTIMENT FIT-TAĦRIĠ**

**3560. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1905 u jgħid kemm investa l-Gvern f'taħriġ marittimu mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

14/10/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-investiment totali tal-Gvern fit-taħriġ marittimu, għall-perjodu bejn l-2022 u l-2026, jammonta għal €151,320.22 għas-sena 2022, €63,845.84 għas-sena 2023, €68,295.79 għas-sena 2024, €162,169.46 għas-sena 2025 u €19,606.58 għas-sena 2026. Dawn l-ammonti jirriflettu n-nefqa totali relatata mat-taħriġ marittimu għas-snin rispettivi.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**L-IMSIDA - CARRYING CAPACITY - STUDJI**

**4328. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux studji dwar il-carrying capacity tal-Imsida matul l-aħħar tliet snin, partikolarment fir-rigward tal-popolazzjoni, l-iżvilupp residenzjali, it-traffiku, l-infrastruttura, is-servizzi pubbliċi u l-iskart? Jekk iva, jista' jagħti d-dettalji ta' dawn l-istudji u jgħid meta ġew ippubblikati?

26/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 2010.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**L-IMSIDA U L-PIETÀ - KRITERJI GĦALL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-PROĠETT PROPOST GĦALL-KONNESSJONI**

**4329. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema kriterji u premessi l-iżvilupp u/jew il-proġett propost għall-konnessjoni bejn l-Imsida u l-Pietà ġie kkunsidrat bħala 'minor project', u jekk saritx valutazzjoni dwar l-impatt kumulattiv tiegħu fuq ir-residenti u l-infrastruttura taż-żona?

26/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-Awtorità tal-Ippjanar teżamina u tiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp skont il-qafas leġiżlattiv u l-policies fis-seħħ, b'mod partikolari l-Istrateġija għall-Ambjent u l-Iżvilupp tal-2015 (SPED), il-politika u l-gwida tad-DC15, kif ukoll il-Pjanijiet Lokali tal-2006. Dawn il-parametri jservu bħala l-bażi għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, filwaqt li jiġi żgurat li kull deċiżjoni tittieħed skont il-kunsiderazzjonijiet u l-kriterji rilevanti tal-ippjanar.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**L-IMSIDA U L-PIETÀ - PROĠETT PROPOST GĦALL-KONNESSJONI - POŻIZZJONI UFFIĊJALI TAL-KUNSILLI LOKALI**

**4330. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux f'idejh il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kunsilli Lokali tal-Imsida u tal-Pietà dwar il-proġett propost għall-konnessjoni bejn l-Imsida u l-Pietà u, jekk iva, jista' jippreżenta kopja ta' din il-korrispondenza jew konsultazzjoni lill-Kamra?

26/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Il-Kunsilli Lokali għandhom kull dritt jesprimu u jikkomunikaw pubblikament il-pożizzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet li jolqtu lill-komunitajiet li jirrappreżentaw. Dan huwa dritt demokratiku li għandu jiġi rispettat minn kulħadd, inkluż minn din il-Kamra.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**L-IMSIDA U L-PIETÀ - PROĠETT PROPOST GĦALL-KONNESSJONI - PROĠETT TAL-BRIDGE - KONSULTAZZJONI MAL-KUNSILLI LOKALI**

**4331. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'konsultazzjoni saret mal-Kunsilli Lokali tal-Imsida u tal-Pietà qabel ma ġie kkunsidrat il-proġett tal-bridge propost għall-konnessjoni bejn l-Imsida u l-Pietà, u kemm-il darba saru laqgħat uffiċjali ma' dawn il-Kunsilli u mar-residenti?

26/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-Onor. Interpellant hija mitluba tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4330.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**L-IMSIDA U L-PIETÀ - PROĠETT PROPOST GĦALL-KONNESSJONI - VALUTAZZJONI DWAR IS-SIGURTÀ**

**4332. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk saritx valutazzjoni dwar is-sigurtà tal-proġett propost għall-konnessjoni bejn l-Imsida u l-Pietà, fid-dawl tal-fatt li matul l-aħħar 36 sena kien hemm inċident li wassal għall-mewt ta' persuna, u jekk dan il-fattur ġiex ikkunsidrat fl-analiżi tal-ħtieġa għall-proġett?

26/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4333.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**L-IMSIDA U L-PIETÀ - PROĠETT PROPOST GĦALL-KONNESSJONI - VALUTAZZJONI TAL-ALTERNATTIVI**

**4333. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk qabel ma ttieħdet kwalunkwe deċiżjoni dwar il-proġett propost għall-konnessjoni bejn l-Imsida u l-Pietà, saritx valutazzjoni tal-alternattivi kollha possibbli, inkluż jekk il-problema identifikata setgħetx tiġi indirizzata permezz ta' miżuri oħra ta' mobbiltà jew infrastruttura?

26/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi saru valutazzjonijiet ta' soluzzjonijiet alternattivi, liema soluzzjonijiet ikkunsidraw b'mod partikolari s-sigurtà tal-persuni mixjin f'żona fejn il-bini huwa eżistenti, fejn il-livelli tal-bini eżistenti jridu jinżammu, u fejn hemm ukoll probabbiltà ta' għargħar.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ ĠUŻÈ PACE/TRIQ BIĊĊIENI – XOGĦLIJIET**

**4584. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit bejn Triq Ġużè Pace u Triq Biċċieni, f'Ħaż-Żabbar, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom?

29/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li GreenServ, fl-2023 wettqet proġett ta' riġenerazzjoni fis-sit indikat li kien jikkonsisti fil-ħolqien ta' saqaf aħdar fuq iż-żona ta' parkeġġ eżistenti. Il-proġett sar b'investiment ta' madwar €447,000.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ SANTA DUMINKA/TRIQ CASTALDI – XOGĦLIJIET**

**4585. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit bejn Triq Santa Duminka u Triq Castaldi, f'Ħaż-Żabbar, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom?

29/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2023 GreenServ wettqet proġett ta' riġenerazzjoni tas-sit li kien jinkludi xogħlijiet strutturali u ta' tisbiħ, fosthom it-trasformazzjoni taż-żona urbana permezz tal-ħolqien ta' saqaf aħdar fuq iż-żona ta' parkeġġ eżistenti. Il-valur tal-proġett kien ta' madwar €500,000.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ĦAL QORMI – ĠNIEN FI TRIQ IL-WIED/TRIQ L-GĦARGĦAR – XOGĦLIJIET**

**4586. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit tal-ġnien bejn Triq il-Wied u Triq l-Għargħar, f'Ħal Qormi, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2023? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom?

29/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li GreenServ għamlet investiment ta' madwar €1 miljun biex wettqet proġett ta' riġenerazzjoni urbana li permezz tiegħu parti mill-culvert eżistenti tal-ilma tax-xita ġie trasformat fi ġnien pubbliku. Ix-xogħlijiet kienu jinkludu, fost oħrajn, it-tħawwil ta' siġar u pjanti aromatiċi, bankijiet, running track ta' madwar 200 metru, titjib fl-aċċessibbiltà, spazji għall-parkeġġ u sistema għall-użu tal-ilma tax-xita għat-tisqija.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**L-GĦASRI, GĦAWDEX – ĠNIEN KENN TAS-SALVATUR – XOGĦLIJIET**

**4587. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit ta' Ġnien Kenn tas-Salvatur, fl-Għasri, Għawdex, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2024? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom?

29/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2024, Ambjent Malta wettqet intervent ta' riġenerazzjoni fi Ġnien Kenn tas-Salvatur biex ġie mtejjeb l-użu ta' dan l-ispazju rikreattiv għall-benefiċċju tal-komunità. Ix-xogħlijiet kienu jinkludu tisbiħ ambjentali, installazzjoni ta' dawl, tagħmir tal-logħob u għamara tal-ġnien. Dan l-intervent sar b'investiment ta' aktar minn €90,000 biex inħoloq ambjent aktar xieraq, sigur u attraenti għar-residenti u għal dawk kollha li jagħmlu użu minn dan l-ispazju. Kemm qabel ir-riġenerazzjoni kif ukoll wara, dan il-ġnien baqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali tal-Għasri.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**BIRŻEBBUĠA – IL-QAJJENZA – ĠNIEN TAL-KOMUNITÀ – XOGĦLIJIET**

**4588. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit tal-Ġnien tal-Komunità fil-Qajjenza, f'Birżebbuġa, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2024? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom?

29/10/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qabel ma nbidlet fi ġnien li qed jitgawda mill-komunità, din iż-żona kienet mitluqa għal kollox tant li għal ħafna snin kienet mimlija skart tal-kostruzzjoni. Il-Qajjenza huwa post urban ħafna li qatt ma kellu post ta' rikreazzjoni, u bil-ħolqien ta' dan il-ġnien tajna l-ewwel spazju miftuħ liż-żona, li huwa aċċessibbli għan-nies ta' kull età u abbiltà.
Bħala parti minn dan il-proġett tħawwlu diversi siġar u arbuxelli, u biex il-ġnien ikun aċċessibbli għal kulħadd, ġew installati rampi biex jgħaqqdu żewġ toroq maġenb xulxin. Ġew introdotti 200 metru ta' passaġġi għall-mixi u ġie installat ukoll tagħmir għal-logħob tat-tfal magħmul minn materjal riċiklat. Project Green għadha qed tieħu ħsieb il-kura u l-manutenzjoni tal-ġnien.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TA' QALI – CRAFTS VILLAGE**

**4589. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid x'riżultati nkisbu mill-investiment ta' €12-il miljun fil-Crafts Village f'Ta' Qali? Tista' wkoll tindika kemm-il stabbiliment huwa operattiv, kemm-il wieħed għadu magħluq u liema inizjattivi promozzjonali twettqu matul l-2024, l-2025 u l-2026?

29/10/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ART AGRIKOLA BARRA MINN ŻONI ODZ – POLITIKI TAL-IPPJANAR**

**4646. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra reviżjoni tal-policies tal-ippjanar sabiex raħħala ġenwini jkunu jistgħu jimmodernizzaw il-faċilitajiet tagħhom f'żoni ODZ, filwaqt li jiġu rispettati l-ħarsien ambjentali u l-użu agrikolu tal-art? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx konsultazzjonijiet ippjanati mar-rappreżentanti tas-settur?

30/10/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għal mistoqsija parlamentari 4644.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**NAGĦAĠ U MOGĦOŻ – IMPORTAZZJONI**

**4647. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 544, peress li t-terminu "importazzjoni" li għamilt referenza għalih ma kienx jirreferi għal moviment ta' merkanzija minn pajjiżi terzi iżda għall-moviment ta' bhejjem li jikkonsistu f'mogħoż u nagħaġ minn barra minn Malta u Għawdex, jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impurtati nagħaġ u mogħoż f'pajjiżna minn Jannar 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?
Jista' jgħid ukoll:
i. minn liema pajjiż ġiet impurtata kull nagħġa u mogħża;
ii. jekk kull nagħġa u mogħża impurtata għamlitx kwarantina;
iii. kemm-il nagħġa u mogħża ġiet impurtata għat-trobbija u kemm-il nagħġa u mogħża ġiet impurtata għal-laħam; u
iv. jekk kull nagħġa u mogħża impurtata sarilhiex veterinary certificate?

30/10/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Malta irċeviet konsenja waħda min pajjiż Ewropew. Din il-kunsinna kienet tikkonsisti f'212-il nagħġa u 93 mogħża, destinati għall-bidwi Malti, u mhux għall-qatla. Il-kunsinna kienet akkumpanjata miċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa veterinarja meħtieġa.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**MALTA U GĦAWDEX – IPPROĊESSAR TAD-DEMEL**

**4648. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'politika ser jadotta għall-ipproċessar tad-demel tal-annimali kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm hemm flus ivvutati għal dan il-proġett, meta hu ppjanat li jibda x-xogħol u meta dan il-proġett hu pproġettat li jkun operattiv?

30/10/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**LABORATORJU PATOLOĠIKU GĦALL-AKWAKULTURA – PJANIJIET**

**4649. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet għandu l-Gvern għall-Laboratorju Patoloġiku għall-Akwakultura?

30/10/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aquatic Resources Malta qed tinvesti fl-ewwel Laboratorju tal-Patoloġija tal-Akwakultura, bil-għan li ssaħħaħ ir-riċerka dwar is-saħħa tal-ħut, il-monitoraġġ u d-dijanjosi tal-mard, u tgħin biex l-industrija tal-akwakultura tkun aktar sostenibbli u reżiljenti.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAS-SAJD – IMPLIMENTAZZJONI**

**4650. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslet l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għas-Sajd?

30/10/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, wara li ġie konkluż il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-Istrateġija Nazzjonali għas-Sajd 2026–2036, il-ħidma miexja skont il-pjanijiet imfassla.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**KAMPANJA NAZZJONALI GĦALL-PROMOZZJONI TAL-PRODOTT MALTI**

**4651. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid fiex kienet tikkonsisti l-kampanja nazzjonali permanenti għall-promozzjoni tal-prodott Malti u x'hemm ipproġettat li jsir fix-xhur li ġejjin minn meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

30/10/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħidma tal-Malta Food Agency fir-rigward tal-promozzjoni tal-prodotti tal-ikel lokali, hija kontinwa u tinkludi diversi sħubijiet strateġiċi, inizjattivi u proġetti promozzjonali.
Fost l-inizjattivi ppjanati għall-2027, apparti l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet, diġà qed jiġu mnedija diversi promozzjonijiet u skemi.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – PROĠETT TA' ĠNIEN IL-ĦADDIEM**

**4994. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab il-proġett ta' Ġnien il-Ħaddiem, fix-Xewkija, Għawdex?
Jista' jgħid ukoll:
i. liema xogħlijiet saru s'issa u liema għad iridu jitwettqu;
ii. jekk kienx hemm dewmien fl-implimentazzjoni u x'kienu r-raġunijiet għalihom;
iii. x'inhi l-ispiża totali prevista, kemm intefaq s'issa u minn fejn qed jiġi ffinanzjat il-proġett;
iv. jekk il-proġett għadux se jinkludi l-faċilitajiet kollha mħabbra oriġinarjament; u
v. meta hu mistenni li jitlesta u jinfetaħ għall-pubbliku?

04/11/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**KAROZZI TAL-LINJA – ROTTA 150 MINN LASCARIS GĦAL MCAST PAOLA**

**4995. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3906 u jgħid kemm-il darba mill-1 ta' Ottubru 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, is-servizz tal-karozzi tal-linja tar-rotta 150, li hija skedata li tgħaddi u tieqaf fl-istage ta' Lascaris fil-Belt Valletta (ħdejn it-terminal tal-fast ferry) għall-ħabta tas-7.45 a.m. u li tintuża mill-istudenti li jattendu l-MCAST ta' Raħal Ġdid:
i. ma għaddietx mill-imsemmija waqfa;
ii. waslet tard meta mqabbel mal-ħin skedat; u
iii. naqset li tieqaf minħabba li kienet mimlija?

04/11/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rotta 150 titlaq minn żewġt postijiet, li huma l-bus stop tal-MCAST f'Raħal Ġdid u l-bus stop ta' Lascaris fil-Belt Valletta.

Ninsab infurmat li l-vjaġġi kollha skedati bejn l-1 u t-30 ta' Ottubru 2026, li jitilqu mill-bus stop ta' Lascaris fil-ħin indikat saru kollha. Kien hemm tlett istanzi li fihom il-vjaġġ telaq ftit aktar minn 10 minuti tard.

Infurmat ukoll li fil-preżent, Transport Malta qed twettaq spezzjonijiet fuq il-bus stop ta' Lascaris sabiex jiġi evalwata aħjar id-domanda li hemm għal dan is-servizz.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**IR-RABAT, GĦAWDEX – TRIQ SWOR MARCELINA TABONE – XOGĦLIJIET**

**5026. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu sabiex tissewwa l-medda ta' madwar 100 metru fi Triq Swor Marcelina Tabone - li qabel kienet magħrufa bħala Triq il-Mitħna - fir-Rabat, Għawdex, li għal dawn l-aħħar snin ġiet fi stat li toħloq periklu kemm għar-residenti kif ukoll għal kull min jgħaddi minn hemm? Jista' jgħid ukoll meta hu previst li se jibdew u jitlestew ix-xogħlijiet ta' tiswija u x'miżuri immedjati se jittieħdu biex tiġi żgurata s-sigurtà tar-residenti u ta' kull min juża din it-triq sakemm jitlestew ix-xogħlijiet?

04/11/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed nieħu nota ta' dan l-ilment u x-xogħlijiet f'din it-triq ser jiġu kkunsidrati.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**FENCE ĠDID MADWAR ŻONA**

**5027. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'inhu l-iskop li għalih qed isir fence ġdid madwar iż-żona li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Tista' tgħid ukoll liema partijiet huma mistennija li jkunu magħluqa u minn fejn ser ikunu l-aċċessi għall-istess inħawi wara li jsir il-fence kollu?

04/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Ambjent Malta qed tinstalla fence ġdid fil-Park Nazzjonali tas-Salina, bil-għan li jissaħħaħ il-ħarsien tal-park, titjieb is-sigurtà tal-viżitaturi u tiġi żgurata ġestjoni aħjar taż-żona, partikolarment barra mill-ħinijiet uffiċjali tal-ftuħ.
Bħalissa qed jiġi installat fence fil-parti ta' fuq tal-park, filwaqt li qed tkun kunsidrata wkoll il-possibbiltà li l-ilqugħ jiġi estiż mal-ġnub u ssir il-manutenzjoni meħtieġa tal-fence eżistenti. Dawn l-interventi huma intiżi wkoll għal prevenzjoni ta' atti ta' vandaliżmu u biex l-infrastruttura u l-ambjent tal-Park Nazzjonali tas-Salina jkunu mħarsa aħjar.
Fir-rigward tal-aċċess, se jinżammu l-punti ta' aċċess eżistenti sabiex il-pubbliku jibqa' jista' jaċċessa l-park matul il-ħinijiet uffiċjali tal-ftuħ. L-aċċessi jingħalqu wara l-ħin uffiċjali tal-għeluq bħala parti mill-miżuri ta' sigurtà u ħarsien tas-sit.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**STUDENTI U ĦADDIEMA GĦAWDXIN - SERVIZZ TAL-KAROZZI TAL-LINJA MINN LASCARIS**

**5119. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid għaliex bosta studenti u ħaddiema Għawdxin li jaslu l-Belt Valletta permezz tal-fast ferry li jitlaq minn Għawdex fis-6:45am u fit-7:45am, qegħdin jispiċċaw ma jitilgħux fuq il-karozzi tal-linja tar-rotta 300 u l-150 li jitilqu mill-waqfa tal-Lascaris fit-7:40am u fid-8:40am, minħabba li dawn ikunu mimlijin? Jista' jgħid ukoll x'miżuri immedjati ser jittieħdu sabiex il-kapaċità u l-frekwenza ta' dan is-servizz jissodisfaw id-domanda, speċifikament f'dawn il-ħinijiet, u sabiex il-karozzi tal-linja jkunu kkoordinati mal-wasliet tal-fast ferry?

05/11/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara analiżi minn Transport Malta ġie innutat li kien hemm każijiet li fihom it-tip tal-karozzi tal-linja ma kenux l-akbar li setgħu jiġu użati.
Għaldaqstant Transport Malta ħadet il-provedimenti meħtieġa mal-operatur tat-trasport pubbliku sabiex dawn ir-rotot joperaw b'vetturi ta' kapaċità (capacity) ogħla.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**IL-MELLIEĦA U L-MANIKATA – CHARGING POINTS**

**5165. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4148 dwar charging points fil-Mellieħa u l-Manikata, tista' l-Ministru tgħid fejn jinsabu t-13-il sit li fihom qed isir xogħol għaċ-charging points? Tista' tgħid ukoll meta hu mistenni li jitlesta x-xogħol f'kull wieħed minn dawn is-siti?

06/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li t-13-il sit fejn qed isir xogħol għaċ-charging points ġodda jinsabu fi Triq il-Madonna ta' Fatima, Triq in-Naħħalija, Triq Ta' Masrija, Triq il-Fuħħar, Dawret il-Mellieħa, Triq Vincenzo Ciappara, fil-parkeġġ ta' Little Armier, Triq il-Marfa, Triq Salvu Camilleri, Triq Mons F. Xuereb, Triq il-Marlozz, fil-parkeġġ ħdejn l-Għassa tal-Pulizija fl-Għadira u fil-parkeġġ tar-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay).

Seduta Numru 43
18/11/2026

**IX-XEWKIJA, GĦAWDEX – ĊIMITERJU TA' SANTA MARIJA**

**5193. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema direttorat jew taqsima hija responsabbli għall-amministrazzjoni, it-tindif u l-manutenzjoni taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fix-Xewkija, Għawdex, inkluż il-manutenzjoni tal-art taċ-ċimiterju? Jista' jgħid ukoll kemm hemm ħaddiema allokati maċ-ċimiterju, u xi dmirijiet u xogħlijiet huma allokati lil kull kategorija ta' ħaddiema? Jista' jgħid ukoll jekk dawn id-dmirijiet jinkludux it-tindif tal-uċuħ esterni tal-oqbra, u jekk iva, x'inhi l-frekwenza ta' dan it-tindif? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-frekwenza għat-tindif taż-żoni komuni, it-tneħħija tal-ħaxix ħażin, u l-ġbir tal-iskart? Jista' wkoll jindika meta saret l-aħħar spezzjoni tas-sit, x'miżuri immedjati se jittieħdu biex issir il-manutenzjoni meħtieġa – inkluża dik tal-artijiet taċ-ċimiterju – sabiex jiġi żgurat li dan jibqa' nadif, sigur u dinjituż, u jispeċifika l-perjodu ta' żmien mistenni biex jitlestew dawn l-azzjonijiet?

09/11/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dan iċ-ċimiterju jiġu assenjati impjegati skont l-esiġenzi tas-servizz, li x-xogħol tagħhom ivarja minn superviżjoni u ż-żamma tal-indafa. F'dak li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni tal-artijiet taċ-Ċimiterju, matul ix-xhur li għaddew saret spezzjoni mill-Perit inkarigat sabiex tiġi evalwata l-kundizzjoni tas-sit u jiġu identifikati x-xogħlijiet meħtieġa. Bħala parti minn dan il-proċess, il-Ministeru ħareġ sejħa għall-offerti sabiex isiru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi meħtieġa, liema investigazzjonijiet diġà nbdew. Ir-riżultati ta' dawn l-investigazzjonijiet se jservu bħala bażi sabiex jiġu determinati l-interventi tekniċi meħtieġa u sussegwentement tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti għat-twettiq tax-xogħlijiet.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ĦWIENET LIĊENZJATI GĦALL-BEJGĦ TA' PRODOTTI TAL-KANNABIS U DROGA OĦRA**

**5221. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' ħwienet liċenzjati biex ibiegħu prodotti tal-kannabis u/jew drogi oħra? Jista' jgħid ukoll f'liema lokalità jinsabu dawn il-ħwienet, lokalità b'lokalità, kemm ilhom liċenzjati u kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni sabiex ikun jista' jsir dan il-bejgħ?

10/11/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI GĦAR-REĠISTRAZZJONI TA' MEDIĊINI – DĦUL U MIŻATI PENDENTI**

**5222. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kien id-dħul tal-Awtorità tal-Mediċini, għal dak li jirrigwarda reġistrazzjoni ta' mediċini fis-snin 2022, 2023, 2024, 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm għad fadlilha tiġbor l-istess Awtorità mill-miżati tar-reġistrazzjoni ta' mediċini, għal reġistrazzjonijiet li saru qabel l-2022, 2023, 2024, 2025 u 2026 separatament għal kull sena?

10/11/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mediċini jiġu rreġistrati permezz ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, li jiġu pproċessati mill-Awtorità dwar il-Mediċini biss wara li jitħallsu l-miżati applikabbli. Għalhekk, m'hemmx ammonti pendenti relatati mal-miżati tar-reġistrazzjoni. Id-dħul minn applikazzjonijiet ġodda għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq kien is-segwenti:

| Sena | Dħul € |
|---|---|
| 2022 | 1,919,127.79 |
| 2023 | 1,728,541.91 |
| 2024 | 2,142,745.09 |
| 2025 | 1,975,280.20 |
| 2026 (sal-aħħar ta' Lulju) | 1,604,705.00 |

Wara r-reġistrazzjoni, id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq iħallsu tariffa annwali sabiex l-awtorizzazzjoni tibqa' valida.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**PERSUNI B'DIŻABILITÀ LI SETGĦU JAĦDMU – SENA 2025**

**5223. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4154 u jgħid kemm persuni b'diżabilità setgħu jaħdmu fl-aħħar tal-2025? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni kienu qegħdin jaħdmu?

10/11/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** B'risposta għall-mistoqsija parlamentari 5223, ngħarraf lill-Onor. Interpellant li skont l-informazzjoni li għandha Jobsplus in-numru ta' persuni b'diżabilità li kienu qegħdin jaħdmu sal-aħħar ta' Diċembru 2025 kien ta` 6,016-il persuna.

In-numru ta’ persuni b'diżabilità li kienu qegħdin jirreġistraw fuq wieħed mir-reġistri tax-xogħol ma’ Jobsplus sal-aħħar ta` Diċembru 2025 kien ta’ 380 persuna. 214 -il persuna kienu qed ifittxu impjieg full-time u 166 persuna kienu qed ifittxu impjieg part-time bħala l-impjieg ewlieni tagħhom.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**PERSUNI LI SETGĦU JAĦDMU – SENA 2025**

**5224. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4155 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u jgħid kemm persuni setgħu jaħdmu fl-aħħar tal-2025? Jista’ jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni kienu qegħdin jaħdmu?

10/11/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta’ persuni li setgħu jaħdmu matul 2025 kien ta’ 339,409.

Din il-figura tirreferi għal dawk il-persuni li huma fis-suq tax-xogħol i.e. persuni li jaħdmu jew persuni qegħda (labour supply). Minn dan l-ammont, in-numru ta’ persuni li kienu qed jaħdmu matul l-istess perjodu kien ta’ 329,283.

Iċ-ċifri għat-tieni kwart tas-sena 2026 (li huma l-aħħar ċifri maħruġa minn dan l-Uffiċċju) huma ta’ 351,366 u ta’ 339,935 rispettivament.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**MANOEL ISLAND – KUNTRATTURI MQABBDA MINN PROJECT GREEN**

**5229. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid jekk Project Green qabbditx xi kuntratturi privati għax-xogħlijiet f’Manoel Island, inkluż għall-kiri ta’ makkinarju jew għat-tneħħija tal-iskart? Jekk iva, tista’ tgħid min huma, il-valur ta’ kull kuntratt u l-proċess ta’ akkwist li ntuża?

10/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**MANOEL ISLAND – SPEZZJONIJIET, RAPPORTI U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

**5230. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid f’liema dati saru l-ispezzjonijiet f’Manoel Island mid-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni, mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u minn Project Green qabel bdew ix-xogħlijiet? Tista’ wkoll tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapporti jew ir-rakkomandazzjonijiet li ħarġu minn dawn l-ispezzjonijiet?

10/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**MANOEL ISLAND – TINDIF U MANUTENZJONI – KUNDIZZJONIJIET**

**5231. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) jew is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali imponewx xi kundizzjonijiet fuq ix-xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni f'Manoel Island? Jekk iva, x'inhuma dawn il-kundizzjonijiet?

10/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**MANOEL ISLAND – ELEMENTI TA' VALUR STORIKU U AMBJENTALI**

**5232. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema elementi ta' valur storiku u ambjentali f'Manoel Island ġew identifikati biex jiġu protetti matul ix-xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni, u kif qed jiġu protetti?

10/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**MANOEL ISLAND – SIĠAR LI QED ISIRILHOM INTERVENT**

**5233. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm siġar f'Manoel Island li qed isirilhom xi tip ta' intervent?

10/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ERA – XOGĦLIJIET FUQ SIĠAR F'MANOEL ISLAND**

**5234. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk inħarġitx awtorizzazzjoni mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għax-xogħlijiet fuq is-siġar f'Manoel Island? Jekk iva, tista' tqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

10/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5225.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TA' XĦAJMA – KORSA TAŻ-ŻWIEMEL – INVESTIMENT**

**5256. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsisti l-investiment fil-korsa taż-żwiemel f'Ta' Xħajma u jekk hemmx il-ħsieb li bħala parti mill-proġett se jkun jinkludi wkoll open spaces għall-familji? Jista' jgħid ukoll x'baġit ta' fondi ġie allokat għal tali proġett?

10/11/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li nħareġ l-permess biex jiġu rranġati l-istalel u qed jiġi abbozzat id-dokument ta' tendering.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**COUNSELLORS FL-ISKEJJEL**

**5303. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx nuqqas ta' counsellors fl-iskejjel u jekk iva, x'qed isir biex jiġi indirizzat dan in-nuqqas?

11/11/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3330.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**FINANZJAMENT LILL-NGOS**

**5304. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4571, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija fl-intier tagħha billi jippubblika lista tal-NGOs li rċevew finanzjament mill-Ministeru għal Għawdex fis-snin 2024, 2025 u 2026, bl-ammont u l-għan ta' kull għotja, maqsuma sena b'sena?

11/11/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed tiġi miġbura.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS**

**5305. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4460 fl-intier tagħha u jagħti s-sena għal kull finanzjament mogħti lil NGOs f'dawn l-aħħar sentejn?

11/11/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li parti mill-finanzjament li għalih qed issir referenza jingħata fil-qafas tal-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (CAP Strategic Plan) 2023-2027, inkluż permezz tal-programm LEADER, li huwa maħsub sabiex jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali. Il-Pjan Strateġiku jipprovdi wkoll li 5% tal-kontribuzzjoni tal-EAFRD taħtu tiġi riżervata għal LEADER.

Il-programm LEADER huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' Community-Led Local Development, permezz ta' approċċ "bottom-up". Il-finanzjament ma jingħatax mill-Ministeru lil NGOs fuq bażi ad hoc, iżda jiġi amministrat permezz tal-Local Action Groups (LAGs), li huma sħubijiet lokali pubbliċi-privati magħżula sabiex jimplimentaw Local Development Strategies (LDS) għat-territorji rispettivi tagħhom.

Dawn l-istrateġiji jidentifikaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tat-territorju u jwasslu għal sejħiet għal proposti skont il-miżuri, il-kriterji ta' eliġibilità u ta' għażla u l-baġits approvati. B'dan il-mod, permezz ta' LEADER jistgħu jiġu appoġġjati proġetti ta' żvilupp rurali, fosthom inizjattivi relatati mal-wirt kulturali, l-ambjent, l-infrastruttura ekoloġika, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-promozzjoni tat-territorju.

Fir-rigward tad-dettalji mitluba dwar il-benefiċjarji, l-għan u s-sena tal-finanzjament, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi tal-Politika Agrikola Komuni hija ppubblikata mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) skont ir-rekwiżiti ta' trasparenza previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**IL-ĦAMRUN, IL-MARSA, SANTA VENERA, PIETÀ/G'MANGIA, FLORIANA, IL-BELT VALLETTA U B'KARA – NGOS**

**5313. L-ONOR. NIGEL VELLA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm għaqdiet mhux governattivi (NGOs) li ġejjin mil-lokalitajiet tal-Ħamrun, il-Marsa, Santa Venera, Pietà/G'mangia, Floriana, il-Belt Valletta u B'kara li ħadu fondi mill-Ministeru li hija responsabbli għalih mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tagħti ċ-ċifra f'termini ta' flus li minnha bbenefikaw dawn l-għaqdiet?

11/11/2026

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**CITIZENSHIP BY MERIT – APPLIKAZZJONIJIET**

**5318. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza Maltija taħt il-qafas il-ġdid tas-Citizenship by Merit minn meta daħal fis-seħħ sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/11/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għar-risposta ta' mistoqsija parlamentari 31995 tal-14-il Leġiżlatura.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ĊITTADINANZA B'NATURALIZZAZZJONI – KONTRIBUZZJONIJIET LIL NGOS**

**5319. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-applikanti għaċ-ċittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni abbażi tal-mertu għamlu, jew intrabtu li jagħmlu, donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet finanzjarji jew investimenti f'organizzazzjonijiet volontarji (NGOs) reġistrati f'Malta jew f'Għawdex? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista li turi:
i. l-isem ta' kull NGO li rċeviet, jew hija mistennija li tirċievi, kontribuzzjoni mingħand dawn l-applikanti;
ii. l-ammont ta' flus mogħtija jew imwiegħda lil kull organizzazzjoni, b'distinzjoni bejn kontribuzzjonijiet diġà mħallsa u dawk li għadhom pendenti; u
iii. in-numru ta' applikanti li għamlu jew wiegħdu kontribuzzjoni lil kull organizzazzjoni?
Jista' wkoll jispjega x'mekkaniżmu qed jintuża biex jiġi vverifikat li dawn il-kontribuzzjonijiet effettivament jaslu għand l-organizzazzjonijiet benefiċjarji?

12/11/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5318.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**FINANZJAMENT MOGĦTI LIL NGOS**

**5320. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5076 fl-intier tagħha u jagħti rendikont tal-finanzjament mogħti lil NGOs fl-aħħar sentejn, maqsuma skont l-NGO, l-għan u s-sena?

12/11/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li għadd ta' kollaborazzjonijiet ma' NGOs huma koperti b' Public Social Partnerships (PSPs) u l-finanzjament huwa kummerċjalment sensittiv.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**GĦAWDEX – MEZZI TA' TRASPORT**

**5321. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5073 li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u jgħid kemm huma attwalment it-taxis, kemm bojod u kemm ta' kumpaniji oħra, reġistrati f'Għawdex u kemm jikkalkula li jridu jiżdiedu karozzi reġistrati biex jagħmlu tajjeb għal dawk li jagħżlu jżuru lill-Għawdex bla karozza? Jista' jgħid ukoll jekk hux se tkun qed tiżdied ukoll il-flotta ta' karozzi tal-linja qabel Jannar 2027?

12/11/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 50 taxi irreġistrati f'Għawdex.
Il-Y-plates ma jaqgħux fil-kategorija ta' taxis iżda huma cabs, li huma regolati bil-liġi SL499.68, li ma tagħmel ebda distinzjoni bejn jekk il-vettura reġistrata b'Y-plate toperax f'Malta jew f'Għawdex.
Rigward it-trasport pubbliku, Transport Malta se tosserva hux se jkun hemm tibdil fid-domanda għas-servizz sabiex b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu l-provedimenti meħtieġa, kemm bħala numru ta' passiġġieri, il-ħinijiet u anke bħala 'capacity' eżistenti fuq il-karozzi tal-linja.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TCNS – TFAL LI TWIELDU F'MALTA**

**5364. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tfal minn ġenituri ta' pajjiżi terzi (TCNs) li twieldu f'Malta? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi terzi ġejjin dawn it-tfal u li bħalissa qegħdin hawn Malta?

12/11/2026

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-aħħar statistika ppublikata mill-NSO hija għas-sena 2025. F'din is-sena twieldu 4,338 tarbija minn residenti li ssodisfaw il-kriterju tar-residenza tas-soltu.

Dan il-kriterju jkopri dawk li joqogħdu jew li beħsiebhom joqogħdu Malta għal mill-inqas tnax-il xahar. Minn dawn it-trabi, 948 tarbija kienu ta' ġenituri li t-tnejn li huma kienu ċittadini mhux tal-UE.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TCNS – TFAL LI TWIELDU F'MALTA**

**5365. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tfal minn ġenituri ta' pajjiżi terzi (TCNs) li twieldu f'Malta? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi terzi ġejjin dawn it-tfal u li bħalissa qegħdin hawn Malta?

12/11/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TCNS – TFAL LI TWIELDU F'MALTA**

**5366. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tfal minn ġenituri ta' pajjiżi terzi (TCNs) li twieldu f'Malta? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi terzi ġejjin dawn it-tfal u li bħalissa qegħdin hawn Malta?

12/11/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TCNS – TFAL LI TWIELDU F'MALTA**

**5367. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tfal minn ġenituri ta' pajjiżi terzi (TCNs) li twieldu f'Malta? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi terzi ġejjin dawn it-tfal u li bħalissa qegħdin hawn Malta?

12/11/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**TCNS – TFAL LI TWIELDU F'MALTA**

**5368. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hawn tfal minn ġenituri ta' pajjiżi terzi (TCNs) li twieldu f'Malta? Jista' jgħid ukoll minn liema pajjiżi terzi ġejjin dawn it-tfal u li bħalissa qegħdin hawn Malta?

12/11/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-Mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ŻAMMA TAL-ANNIMALI – SANTWARJI/NGOS**

**5385. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista sħiħa ta' santwarji u NGOs li għandhom x'jaqsmu maż-żamma tal-annimali? Tista' tgħid ukoll kemm għandhom annimali kull santwarju u NGO sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ŻAMMA TAL-ANNIMALI – SANTWARJI/NGOS – BENEFIĊĊJI**

**5386. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm mis-santwarji u NGOs li għandhom x'jaqsmu maż-żamma tal-annimali ngħataw xi tip ta' benefiċċju matul l-aħħar ħames snin? Tista' tgħid ukoll min kienu u x'kienet l-għajnuna li ngħatat?

13/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**SANTWARJI – SKEMI TA' GĦAJNUNA GĦAS-SERVIZZI VETERINARJI**

**5387. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ibbenefikaw santwarji mill-iskemi ta' għajnuna għas-servizzi veterinarji matul l-aħħar sentejn, kemm ġew approvati għajnuniet għal kull santwarju u kemm effettivament tħallsu?

13/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2025, minn din l-iskema bbenefikaw 15-il organizzazzjoni mhux governattiva (NGOs), li bejniethom ingħataw €82,475. Matul din is-sena, s'issa bbenefikaw 13-il organizzazzjoni u bejniethom ingħataw €76,650.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**ABBANDUN TA' KLIEB – KAŻIJIET IRRAPURTATI**

**5388. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il każ ta' abbandun ta' klieb ġie rrapurtat matul l-aħħar tliet snin, maqsuma għal Malta u għal Għawdex? Tista' tgħid ukoll x'passi ttieħdu fil-konfront ta' min inqabad jagħmel dan?

13/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**QTATES U KLIEB TAT-TRIQ – STERILIZZAZZJONI**

**5389. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew sterilizzati qtates u klieb tat-triq permezz ta' skemi ffinanzjati mill-Gvern matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll x'kienet in-nefqa għal kull sena?

13/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 43
18/11/2026

**KUNSILLI LOKALI – ANIMAL STEWARDS**

**5390. L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm Animal Stewards jaħdmu mal-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex, maqsuma skont il-kunsill?

13/11/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Animal Stewards jiġu ingaġġati mill-Kunsilli Lokali u jaqgħu taħt ir-responsabbiltà amministrattiva tal-istess Kunsilli. Għaldaqstant, nitlobha tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta Numru 43
18/11/2026